MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Citazzjoni Numru. 51/2007/1

Georgina Cini

Vs

Direttur Registru Pubbliku

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-8 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet li:

L-attrici twieldet fis-16 ta' Gunju 1955 gewwa Melbourne, l-Awstralja u nghatat l-isem ta' Georgina Rose Marie u dana skond ic-certifikat tat-twelid.

L-attrici zzewwget nhar is-17 ta' Mejju, 1975, l-isem taghha gie erronjament imnizzel bhala Gorga fl-att taz-zwieg.

L-attrici minn dejjem kienet maghrufa bhala Georgina u qatt hadd ma sejhilha Gorga.

Ghaldaqstant, talbet lill-Qorti sabiex:

1. Tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv sebgha u tmenin tas-sena elf disgha mija u hamsa u sebghin (87/1975) billi fil-kolonna "Isem u l-Kunjom" l-isem Gorga Grech jigi mibdul f'Georgina Grech.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut prezentat fil-5 ta' Gunju 2007 (fol. 13) li permezz taghha ddikjara:

1. Illi dwar il-meritu, il-konvenut ma jopponix ruhu ghat-talba tal-attrici, in kwantu wara li saru l-verifiki opportuni mar-Registru Pubbliku ta' Malta accerta ruhu illi isem l-attrici fuq l-att tat-twelid hu mnizzell bhala Georgina.

2. Illi dwar l-ispejjez il-konvenut jsostni li peress li din il-korrezzjoni tista' tintalab ukoll quddiem il-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Notarili skond l-Artikolu 257 tal-Kodici Civili, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati biss mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluzi dawk tal-avviz pubblicat fil-Gazzetta tal-Gvern (edizzjoni tat-22 ta' Mejju 2007).

Ikkunsidrat:

1. Fil-meritu m'hemmx wisq x'jinghad. Hu evidenti, u dan hu ammess ukoll mill-konvenut, li l-attrici jisimha Georgina[1] u mhux Gorga. Jirrizulta wkoll li skond l-att taz-zwieg (fol. 6), isem l-attrici gie registrat bhala Gorga. Ghalhekk it-talba ghall-korrezzjoni ghandha tigi milqugha.

2. Fir-rigward ta' l-ispejjez gudizzjarji ghalkemm hu minnu li dawn il-proceduri gudizzjarji setghu jigu evitati b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 257 tal-Kodici Civili (Kap. 16), madankollu permezz ta' digriet moghti fis-17 ta' Mejju 2007 l-attrici nghatat il-beneficcju ta' l-ghajnuna legali a

[1] Ara wkoll kopja ta' l-att ta' twelid ta' l-attrici a fol. 5.

tenur ta’ l-Artikolu 913 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u t-talba taghha ser tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici fis-sens li fl-att taz-zwieg taht il-kolonna “Isem u Kunjom” tal-mara, l-isem “Gorga” ghandu jigi sostitwit bl-isem “Georgina”.

Spejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------